DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/485

tal-20 ta' Marzu 2017

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, jenħtieġ li jiżdiedu erba' persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
L. GRECH

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima A (Persuni) tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"235.	Ahmad Ballul (magħruf ukoll bħala Ahmad Muhammad Ballul; Ahmed Balol) (أحمد بلول)	Data tat-twelid: 10 ta' Ottubru 1954 Grad: Maġġur Ġeneral; Kmandant tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana u l-Forzi tad-Difiża tal-Ajru	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tal-Forzi tal-Ajru u tad-Difiża tal-Ajru Għarab Sirjani, fil-kariga wara Mejju 2011. Jopera fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u, bħala uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana, hu responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili, inkluż l-użu ta' attakki b'armi kimiċi mir-reġim Sirjan identifikat fir-rapport tal-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt.	21.3.2017
236.	Saji' Darwish (magħruf ukoll bħala Saji Jamil Darwish; Sajee Darwish; Sjaa Darwis) (ساجي درويش)	Data tat-twelid: 11 ta' Jannar 1957 Grad: Maġġur Ġeneral, Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tat-22 Diviżjoni tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana, fil-kariga wara Mejju 2011. Jopera fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili: bħala uffiċjali għoli tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana u Kmandant tat-22 Diviżjoni huwa responsabbli għall-użu ta' armi kimiċi mill-inġenji tal-ajru li joperaw mill-bażijiet tal-ajru taħt il-kontroll tat-22 Diviżjoni, inkluż l-attakk fuq Talmenes li, skont ir-rapport tal-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt, twettaq minn ħelikopters tar-reġim ibbażati fl-ajruport ta' Hama.	21.3.2017
237.	Muhammed Ibrahim (محمد إبراهيم)	Data tat-twelid: 5 ta' Awwissu 1964 Grad: Brigadier Ġeneral; Viċi Kmandant tat-63 Brigata tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana fl-ajruport ta' Hamah	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral, uffiċjal għoli u Viċi Kmandant tat-63 Brigata tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana, fil-kariga wara Mejju 2011. Jopera fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u, bħala uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana matul il-perijodu investigat mill-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt u Viċi Kmandant tat-63 Brigata minn Marzu sa Diċembru 2015, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili permezz tal-użu ta' armi kimiċi mit-63 Brigata f'Talmenes (21 ta' April 2014), Qmenas (16 ta' Marzu 2015) u Sarmin (16 ta' Marzu 2015).	21.3.2017

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
238.	Badi' Mu'alla (بديع المعلا)	Data tat-twelid: 1961 Post tat-twelid: Bistuwir, Jablah, is-Sirja Grad: Brigadier Ġeneral; Kmandant tat-63 Brigata tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tat-63 Brigata tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana, fil-kariga wara Mejju 2011. Jopera fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u, bħala Kmandant tat-63 Brigata matul il-perijodu investigat mill-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili permezz tal-użu ta' armi kimiċi mit-63 Brigata f'Talmenes (21 ta' April 2014), Qmenas (16 ta' Marzu 2015) u Sarmin (16 ta' Marzu 2015).	21.3.2017"